# PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

## (Il-Każ M.8924 — HgCapital/TA Associates/Access)

## Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 171/06)

1. Fit-8 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— HgCapital LLP ("Hg", ir-Renju Unit),

— TA Associates L.P. ("TA", l-Istati Uniti tal-Amerika),

— L-Access Group ("Access", ir-Renju Unit), ikkontrollat minn TA.

Hg u TA jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' Access kollu kemm hu.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Hg hija kumpanija ta' ekwità privata li tamministra fondi ta' investiment li jinvestu prinċipalment fl-Ewropa. Għadd ta' kumpaniji fil-portafoll tal-Hg jipprovdu servizzi tal-IT, inkluża l-provvista ta' softwer għan-negozju,

— TA hija kumpanija ta' ekwità privata attiva fl-Amerika ta' Fuq, l-Ewropa u l-Asja. Xi wħud mill-kumpaniji fil-portafoll ta' TA jipprovdu servizzi tal-IT, inkluża l-provvista ta' softwer għan-negozju,

— Access hija kumpanija fil-portafoll ta' AT u primarjament tipprovdi firxa ta' soluzzjonijiet ta' applikazzjonijiet tas-software għall-impriżi fil-Financial Management Solutions and Human Capital Management, inklużi soluzzjonijiet speċifiċi għall-industrija tal-ospitalità, ir-reklutaġġ, is-saħħa u l-kura soċjali, il-manifattura u d-distribuzzjoni, l-edukazzjoni, mhux għall-profitt u industriji oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8924 — HgCapital/TA Associates/Access

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 229-64301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË